Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 61/2005

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Josephine Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sittin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm660.14), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 632360 gja 687894 installat fil-fond Scicluna Flats/5 Triq is-Siberija, Marsascala u li wara gie trasferit ghal LOLA Triq il- Qaliet, Marsascala ;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati. .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm660.14) bl-imghax legali mit-22 ta' Jannar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------